Taljani kienu nqerdu mill-Gżira fil-waqt li l-Ingliżi ssaħħu u l-Maltin faru.

Fil-bidu tal-ktieb l-awtur iġib lista żgħira ta' perjodiċi li ma satax jagħti tagħrif fuqhom għax ma ltaqax magħhom fil-librerija tal-Belt jew ta' l-Università.

Jiena naħseb li kieku hu għamel sejħa pubblika, kien isib min jagħtih ftit tal-għajnuna, għax hawn bosta li mal-"*Melitensia*" tagħhom issibilhom ġurnali u perjodiċi rari jew antiki. Halli nagħti ftit eżempji:

"*Il-Kawlata Maltija*" — l-ewwel ġurnal bil-Malti — kien joħroġ kull ġimgħa mill-Istamperija Cumbo, Valletta. Laħqu ħarġu tliet numri biss; l-ewwel numru deher nhar it-Tlieta, 15 ta' Jannar 1839, it-tielet u l-aħħar fid-29 ta' Jannar 1839.

"*Tromba*" — Foglietto Mensile, Satirico-Critico. Nro. 1, Giovedì, 1 Gennaio 1846. Tipografia F. Izzo, Valletta.

"*Cottonera*" — Reliġjon, Patrija, Drittijiet u Libertà. Kien joħroġ kull nhar ta' Sibt. Stamperija fi Strada Zecca Nru. 16, il-Belt. L-ewwel numru deher f'Jannar 1894 — sa Ġunju tal-1895 kien għadu joħroġ.

"*Melita*" — Giurnal Bil Malti Joħroġ Cull Sibt. Stamperija Ottolenghi, Lixandra, Eġittu. Beda joħroġ fl-1894.

"*The Maltese Penny Magazine*" — beda joħroġ qabel l-1839, difatti numri minnu juru s-sena 1834.

"*Habib Malti*" — kien għadu joħroġ fl-1890.

"*Habib tal-Poplu*" — kien għadu joħroġ fl-1892.

"*Malta*" — Din il-gazzetta, wara li spiċċat fl-1940 f'din il-Gżira, bdiet toħroġ f'Ruma.

B'dawn l-eżempji ma rridx nitfa' dell fuq din l-opra ta' Patri Sapienza, u anqas ma nixtieq innaqqas il-mertu tiegħu għal biċċa xogħol hekk ta' fejda li hu ndaħal għaliha. Dawn huma rqaqat li wieħed jista', jekk ikollu ż-żmien,, jiġborhom u jippubblikahom bħala żjieda lil din il-"Lista" li jmissha tieħu post fil-libreriji ta' kulmin għandu għal qalbu l-kultura Maltija.

**PROFESSUR Ġ. GALEA.**

---

**Ngħarr'u lill-qarrejja**
**li l-bqija tar-radjudramm**
**''PRIŻMA''**
**ta' Victor Apap**
**kellu jitħalla għal darb'oħra**

# IL-FOLKLOR MALTI U L-FOLKLOR TAL-MEDITERRAN

ĠORĠ MIFSUD CHIRCOP

CASSAR-PULLICINO, ĠUŻE'. *STUDIES IN MALTESE FOLKLORE*. MALTA: The University of Malta, 1976, xiii + 279pġ. £M1.70.

Il-ħruġ ta' l-aħħar ktieb ta' Ġużè Cassar-Pullicino, *Studies in Maltese Folklore* (The University of Malta, 1976), għandu joħloq ħafna reazzjonijiet differenti hawn Malta: għall-Maltin li jgħożżu l-kultura folkloristika tagħna jiswew sew it-taqsimiet deskrittivi tal-ktieb bħal "A New Look at Old Customs", "Criteria of Physical Attraction and Sex Concepts" u "Beliefs and Practices Relating to Birth and Infancy", kif ukoll it-23 illustrazzjoni, xi wħud minnhom miġbura minn riferenzi tas-seklu l-ieħor. Għall-barranin se jkun titwila millaqwa lejn il-kultura Maltija u jaqtgħalhom xi ftit mill-għatx tagħhom dwar "Min huma tabilħaqq il-Maltin?" Imma għall-folklorista studjuż, midħla sewwa tal-folklor Malti, bħala materjal u bħala studju, hemm fil-ktieb mhux biss il-ġbir tad-drawwiet ġodda u l-kumment tal-kittieb fuqhom u fuq id-drawwiet li ilna nafuh, iżda żvilupp ġdid u pożittiv fuq kif Cassar-Pullicino jħares lejn il-folklor fih innifsu u żvilupp ieħor fit-trattament komparattiv mad-dinja Ewropea, l-iktar Sqallija u l-Italja — kif daħlilha tant tajjeb Ninu Cremona (1880-1972) u li, għal xi żmien, mexa fuqu Cassar-Pullicino — għad-dinja Mediterranea, kif idealment jixtieq li kieku jagħmel il-kittieb tagħna llum. (Għax id-dinja Mediterranea hija dinja eqreb lejna u hija biċċa minna: fuq dan diġà kiteb Cassar-Pullicino fl-editorjal tiegħu għall-ewwel ħarġa tal-*Maltese Folklore Review* I i, 1962, paġ. 2.)

Fil-qofol tiegħu *Studies in Maltese Folklore* fih studji li diġa dehru banda oħra mill-1956 'l hawn, imma xi wħud saru sistematizzati u aġġornati skond l-aħħar sejbiet u fehmiet xjentifiċi, u studji ġodda li jmissu s-suġġetti li Cassar-Pullicino ilu jitkellem fuqhom sa mill-1940 — jiġifieri, ix-xjenza u l-istorja tal-folklor Malti (ara, "Maltese Folklore Now" u "Determining the Semitic Element in Maltese Folklore"), il-letteratura popolari (ara, "The Study of Maltese Folktales", "Fr. Magri's Collection of Folktales", "Comparative Data on Some Maltese Riddles" u taqsimiet kbar miż-żewġ Studji "Animals in Maltese Folklore" u "Criteria of Physical Attraction and Sex Concepts"), il-folklor tat-tfulija (ara, "Beliefs and Practices relating to Birth and